# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001**

**Numru 5**

**Avviz Nru. 454/97 DM**

**Fuel Oil 7 Petroleum Company Limited**

**vs**

**J.C.C. Enterprises Limited**

Il-Qorti,

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-1 ta' Dicembru, 2000, fil-kawza bl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas s-somma ta' hames mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm548.42) rappresentanti din is-

somma konsenja u bejgh ta' lubricating oil mis-socjeta attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' April 1996, u bl-imghax mid-data tal-konsenja.

Bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjoniet tas-socjeta konvenuta J.C.C. Enterprises Limited fejn eccepiet:-

1 Illi fl-ewwel lok s-socjeta konvenuta ma hiex debitrici tas-socjeta attrici u kwalunkwe pendenzi li kien hemm fil-passat thallsu kollha hafna zmien ilu kif ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

2 Illi fit-tieni lok s-socjeta konvenuta qatt ma giet interpellata ghall-hlas qabel infethet il-kawza hawn fuq citata mis-socjeta attrici u wisq aktar qatt ma giet notifikata bl-ittra ufficjali citata tal-25 ta' April 1996.

3 B'reserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri

4 Bl-ispejjez.

Rat il-kontrotalba ta' tas-socjeta konvenuta fejn wara li ppremettiet:

1 Illi s-socjeta' attrici-rikonvenuta ntavolat mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 423/97, liema mandat gie intavolat kontestwalment mal-avviz u dana "in kawtela" tal-pretensjonijiet taghha indikati fl-istess avviz. u

2 Illi s-socjeta' konvenuta-rikonvenuta qatt ma giet interpellata ufficjalment sabiex tghaddi ghall-hlas u stante dan in-nuqqas hija qatt ma nghatat l-opportunita li tiggustifika ruhha dwar l-allegati pretensjonijiet infondati tas-socjeta attrici rikonvzjonta. u

3 Illi s-socjeta' konvenuta-rikonvenuta ma hija dovuta thallas xejn lis-socjeta
attrici rikonvenzjonata u ghalhekk l-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju huwa wiehed abbusiv, frivolu u vassatorju;

4. Peress illi l-attegjament abbuziv tas-socjeta attrici-rikonvenzjonata fil-hrug tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju

hawn fuq imsemmi ikkawza danni konsiderevoli lis-socjeta konvenuta-rikonvenuta u liema danni gew ikkawzati principarjament minn telfien ta' fiducja min naha tal-bank li mieghu s-socjeta konvenuta-rikonvenuta ghandha 'overdraft account', u minn klijenti ohra taghha li fil-konfront taghhom ma gewx onorati pagamenti ta' hlas li saru mis-socjeta konvenuta-rikonvenuta; u

5 Illi ghall-fini ta' kompetenza s-socjeta konvenuta-rikonvenuta tiddikjara illi l-pretensjonijiet kollha taghha in konnessjoni ma' dina l-kontro talba ma jecceddux l-elf lira Maltin (Lm1000);

Talbet li din l-Qorti:-

1 Tikkundanna lis-socjeta attrici-rikonvenuta dawk il-penalitajiet li jidrilha xierqa u opportuni u dana ai termini ta' Artikoli 849 u 846 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2 Tillikwida d-danni u tikkundanna lis-socjeta attrici-rikonvenuta sabiex thallas dak l-ammont hekk likwidat bhala kumpens in linea tad-danni kollha soferti mis-socjeta konvenuta-rikonvenuta;

3 Bl-ispejjez kollha u bl-imghax fuq l-ammonti likwidati mid-dati tal-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru numru 423/97 li hija 6 ta' Marzu 1997 sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' attrici-rikonvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontrotalba tas-socjeta konvenuta, fejn eccipew:-

1 Illi-t-talbiet tas-socjeta konvenuta huma guridikament insostenibbli;

2 Illi in effetti din it-talba hi bbazata fuq l-Artikoli 846 u 849 tal-Ligijiet ta' Malta fejn naraw ir-rimedju li tipprovdi l-ligi f'kazijiet fejn mandati jsiru frivolment u zgur ma jikkontemplawx il-procedura adoperata mis-socjeta attrici kif ser jigi ben spjegat

3 Illi inoltre u in substantia t-talbiet tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu rigettati stante li kuntrarjament ghal dak sostnut l-

istanti huwa kreditur tas-socjeta' konvenuta kif ser jirrizulta mill-provi.

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' Dicembru 1998 u 9 ta Frar 2000, fejn il-konvenuti, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet li diga nghataw, eccipew ulterjorment il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148B Kap 16

Semghet ix-xhieda prodotti u rat id-deposizzjoni mehuda mill-Magistrat Supplenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi, fil-mori tal-avviz, il-konvenuti eccipew ulterjorment il-preskrizzjoni tat-tmintax (18) il-xahar kontemplata fl-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 li tolqot l-azzjonijiet ta krendituri ghall-prezz ta merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjguha bl-imnut.

Izda mill-provi jirrizulta li l-kreditu pretiz mill-atturi jirrigwarda prezz ta zjut mibjugha u kkonsenjati bl-ingrossa lill-konvenuti li jiggestixxu pompa tal-petrol u zjut u li kienu in segwitu jbieghu dawn iz-zjut lill-klijenti taghhom .

Konsegwentement jirrizulta li kienu l-konvenuti li kienu effettivament ibieghu bl-imnut u mhux l-atturi. Infatti mid-depozizzjoni ta David Mifsud, rappresentant u impjegat tal-kumpanija konvenut, jirrizulta li l-kumpanija konvenuta setghet xtrat iz-zejt 'by wholesale' biss kif jallegaw l-atturi. L-istess David Mifsud, fis-seduta tad-9 ta Frar 2000 kien xehed hekk:"nixtru iz-zjut minghand il-kumpanija attrici u nbieghuhom by 'retail' mill-istazzjon taghna. **Ix-xiri li konna nghamlu, konna nghamluh <u>'wholesale'</u>**".

Ghalhekk l-azzjoni li qed jezercitaw l-atturi ma tikkontemplax prezz ta xi bejgh bl-imnut u l-preskrizzjoni eccepita tirrizulta li ma

hiex applikabbli ghal-kaz u konsegwentement tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

Dwar il-meritu tat-talba attrici, stante il-kontestazzjoni totali da parti tal-konvenuti, jinkombi fuq l-istess atturi li jippruvaw sodisfacentement il-bejgh taz-zjut indikati fl-Invoice Numru A000854 tad-9 ta Dicembru 1994 (fol. 17), kif ukoll il-konsenja taghhom fis-26 ta Ottubru 1994.

Mill-provi kollha prodotti ma jirrizulta ebda dokument li jindika xi accettazzjoni da parti tal-konvenuti. Infatti mhux biss ma jirrizulta ebda dokument jew prova li jindika xi ordni jew talba ghall-istess zejt mill-konvenuti izda lanqas ma tirrizulta xi dikjarazzjoni tal-konvenuti dwar il-konsenja nonostante li z-zewg dokumenti esibiti mill-atturi jipprovdu ghall firma ta min ikun ircieva l-merkanzija.

Infatti l-unika prova li tirrigwarda specifikament il-bejgh allegat hija d-deposizzjoni ta Felix Tabone li kien impjegat mal-atturi bhala driver u li ddikjara li kien ikkonsenja iz-zjut indikati fid-delivery note u kien iddepositahom hdejn il-bieb tal-garage tal-konvenuti.

Minn din id-depozizzjoni izda jirrizultaw cirkostanzi ohra li jindikaw li l-operazzjoni deskritta ma kintex saret bil-procedura normali segwita mill-kumpanija attrici. Infatti Tabone jallega li kien ghabba z-zjut fuq istruzzjonijiet ta impjegat tal-atturi, Michael Fenech, li kien tah istruzzjonijiet sabiex mal-konsenja ma jigborx il-prezz, ma kienx munit b'xi 'delivery note' ghall-firma tar-ricevituri, l-istess Michael Fenech kien prezenti ghand il-konvenuti waqt il-konsenja u li d-'delivery note' (fol. 18) datata 26/10/94 inkitbet u giet iffirmata mid-driver Tabone *wara il-konsenja.*

Minhabba dawn ic-cirkostanzi u fatturi ohrajn bhala ma huma n-nuqqas ta Tabone li jiftakar min kienet il-persuna li hadet il-konsenja f'isem il-konvenuti, meta kien jaf lid-diretturi kollha personalment, in-nuqqas tal-atturi li jipproducu lil Vince Grogan, li kien prezenti ghall-konsenja u r-rizultanza li l-atturi stess jissusspettaw li setghet irrizultat xi nfrazzjoni tal-ligi oltre l-bejgh stante r-rapport lill-Pulizija, il-Qorti ssib li d-deposizzjoni biss ta Felix Tabone ma hiex sufficjenti biex tirribatti l-verzjoni tal-konvenuti li qatt ma ordnaw u li qatt ma rcevew il-merkanzija in kwistjoni.

Ghandhu jigi rilevat ukoll illi l-provi tal-atturi ma jeskludux li mill-operazzjoni allegata setgha ibbenefika xi hadd iehor oltre l-konvenuti, anzi dan huwa l-messagg li jista jittiehed mid-deposizzjoni dettaljata ta Michael Angelo Fenech, direttur tal-kumpanija attrici. Inoltre jirrizulta ukoll illi l-istess kumpanija attrici ma kinetx tant attrezzata bi provi dwar dan il-bejgh fil-kotba taghha tant li l-unika interpellazzjoni li ssosstni li ghamlet dwar il-bejgh allegat hija l-ittra ufficjali tal-25 ta April 1996 (fol. 15).

Din l-istess ittra ufficjali giet spedita lil kumpanija differenti minn dik konvenuta, f'indirizz differenti minn dak tal-konvenuti, ghal ammont differenti minn dak rizultanti mill-Invoice esibita f'dawn il-proceduri u minghajr ebda riferenza la ghad-data tal-bejgh u lanqas ghall-konsistenza tal-merkanzija allegatament mibjugha. Konsegwentement din l-ittra tikkostitwixxi indizju ta incertezza u ma tisa qatt titqies bhala xi interpellazzjoni lill-konvenuti dwar l-allegat bejgh.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tal-atturi.

Ghal dak li jirrigwarda l-kontrotalba tal-konvenuti ghandhu jinghad mill-ewwel illi l-Artikolu rilevanti tal-Kap.12 li jirregola it-talbiet tal-konvenuti huwa l-Artikolu 836 u mhux l-artikoli citati minnhom.

Dan l-Artikolu jipprovdi li l-Qorti tista tikkundanna lil min ikun hareg att kawtelatorju ghall-penali kontemplata fl-inciz (8) fil-proceduri istitwiti b'rikors mill-intimat li kontrih ikun inhareg il-mandat. F'dan il-kaz il-konvenuti ma hassewx l-urgenza li jaddottaw tali procedura u ghalhekk it-talba ghall-kundanna tal-atturi ghall-hlas ta penali ghandha tigi michuda u ghalhekk tichad l-ewwel talba tal-konvenuti kontenuta fil-kontrotalba taghhom

Izda dan ma jippregudikax id-dritt tal-konvenuti li jghamlu it-talba ghad-danni bil-procedura tac-citazzjoni (f'dan il-kaz il-kontro-talba) kif ipprospettat fl-inciz (9) tal-istess Artikolu 836.

Ma saretx kontestazzjoni mill-attur dwar il-hrug tal-mandat ta sekwestru Numru 423/97 allegat mill-konvenut, izda l-unika prova prodotta f'dan ir-rigward hija l-ittra tal-20 ta Mejju 1999 spedita lill-konvenuti mill-Enemalta Corporation u esibita bhal Dok.DM2
a fol. 32 tal-process.

Din wahedha ma tistax isservi bhala bazi ghal-talba ghal hlas ta danni u wisq inqas ghal-likwidazzjoni tal-istess. Infatti l-istess David Mifsud jallega li l-Enemalta kienet intimat li tista twaqqaf il-konsenja ta zjut u mhux li waqqfet il-konsenja.

Lanqas ma gie ippruvat li sar xi hlas tas-somma ta LM10 ghal kull cheque li ma ssarafx u, fi kwalunkwe kaz, il-konvenuti ma kienux gustifikat li jibghu jhallsu bic-cekk sa April 1997 meta kien jafu, jew almenu kellhom ikunu jafu, bis-sekwestru f'idejn il-banek.

Ghaldaqstant issib li ma jirrizultawx provi sodifacenti dwar it-talba tal-konvenuti ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni allegati u konsegwentement tichad ukoll it-tieni talba tal-konvenuti.

Bl-ispejjes kollha jibqghu bla taxxa".

Mill-istess sentenza appellat is-socjeta' attrici permezz ta' rikors ta' appell ipprezentat fil-21 ta' Dicembru, 2000, li bih din il-Qorti ntalbet tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha u tvarjaha in kwantu din cahdet it-talbiet attrici u in kwantu halliet l-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet, u invece tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' l-ispejjez kollha u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellati.

L-appellati pprezentaw risposta fil-21 ta' Marzu, 2001, li biha ssottomettiet li l-appell ghandu jigi respint bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Ir-rikors ta' l-appell jikkontjeni diversi aggravji li huma esposti pjuttost fit-tul u fl-istess rikors u li din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz li jigu ripetuti

fid-dettall f'din is-sentenza minhabba li, fil-fehma taghha, hemm zewg konsiderazzjonijiet vitali li fuqhom ghandha u tista' tigi unikament bazata din is-sentenza. L-ewwel aspett huwa dak rigwardanti l-apprezzament ta' provi li jkun sar fi prim'istanza, li, kif hu saput, in sede ta' appell jirrikjedi li din il-Qorti tespleta l-funzjoni taghha ta' Qorti ta' Appell mhux billi tinjora l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, imma li tirrispetta dak l-apprezzament jekk, fil-fehma taghha, ma jkunx wiehed manifestament raggunt hazin. Dan huwa l-ewwel aspett.

It-tieni aspett huwa illi din il-Qorti thossha fid-dover li l-materja ta' konsenja ta' merkanzija fejn il-prattika normali tikkomprendi l-uzu ta' *delivery document,* hu essenzjali li wiehed ihares lejn dan id-dokument bil-mod kif legalment huwa mistenni. Infatti, il-konsenja b'*delivery note* tinvolvi zewg persuni essenzjalment, cioe' l-persuna li taghmel il-konsenja, li wiehed jistenna minnha li tiffirma d-*delivery note* u l-persuna li tircievi l-konsenja, li wkoll hu mistenni minnha li tiffirma d-*delivery note*. F'dan il-kaz partikolarment hemm, bhala fatturi, l-ewwel illi l-allegata konsenja ma kienetx akkompanjata b'*delivery note* fl-okkazzjoni taghha, it-tieni hija li d-*delivery note* giet redatta u ffirmata minn Felix Tabone l-impjegat tad-ditta attrici li suppost taghmel l-konsenja, wara li l-konsenja kienet diga saret, u t-tielet huwa illi f'ebda hin ma din id-*delivery note* inkorporat fiha l-firma ta' min allegatament ircieva l-konsenja. Dan l-ahhar fattur fil-fehma ta' din il-Qorti huwa vitali

fis-soluzzjoni tal-kaz odjern, ghaliex gustament, kif wara kollox ikkonkludiet l-ewwel Qorti, jirrendi dubjuz hafna x-xhud Felix Tabone u d-depozizzjoni tieghu.

L-aggravji ta' l-appell huma piu' o meno bazati dwar is-sottomissjoni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma tatx affidament lix-xhieda ta' Felix Tabone. Huwa veru li hemm sottomissjonijiet ohra relatati, ghalkemm mhux necessarjament jiddependu mill-veracita' tax-xhieda ta' Tabone, pero' din il-Qorti hija tal-fehma li l-apprezzament li sar fil-prim'istanza mill-ewwel Qorti huwa ineccepibbli u ma hemm assolutament xejn, la fil-provi processwali, kif lanqas fis-sottomissjonijiet li saru f'din l-istanza, li anki minimament ihajjruha u wisq inqas jikkonvincuha tiddisturba l-apprezzament li sar mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti m'ghandhiex dubju li d-dover taghha fic-cirkostanzi huwa wiehed, u cioe', illi tikkonferma dak li gie deciz fil-prim'istanza.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata. L-ispejjez ta' din l-istanza jkunu a karigu ta' l-appellant.

Dep/Reg

mm